**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 20 ta' Ottubru, 2015**

**Citazzjoni Nru: 1080/14 AF**

**Eva Handels GmbH socjeta' registrata fl-Awstria rapprezentanta lokalment mill-mandatarja specjali l-Avukat Dottor Julienne Portelli Demajo**

**vs**

**Joseph & John Curmi Limited (C11359)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Eva Handels GmbH socjeta' registrata fl-Awstria rapprezentanta lokalment mill-mandatarja specjali l-Avukat Dottor Julienne Portelli Demajo li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjeta' intimata ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma bilancjali ta' tmienja u tletin elf, erba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€38,428.53), liema ammont jirraprezenta bilanc dovut mis-socjeta' intimata fuq merkanzija li tikkonsisti fi frott ordnati mill-istess socjeta' intimata u konsenjati mis-socjeta' estera fuq inkarigu tas-socjeta' intimata

stess kif jidher mill-fatturi numru 9030029509, 9030029617, 9030030900, 9030030619, 9030031097 u 9030031696 hawn annessi u mmarkati bhala Dok. JPD1 sa Dok. JPD7;

Minkejja li s-socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-import ta' dawn il-fatturi, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti;

Fil-fehma tal-attrici nomine, dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba ta' hlas ta' socjeta' attrici;

Ghalhekk dan jaghti d-dritt lill-attrici nomine sabiex tipprocedi kontra s-socjeta' intimata bil-procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qed taghmel;

Tghid ghalhekk is-socjeta' intimata ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi skont it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' attrici fil-kwalita' taghha premessas-somma komplessiva ta' tmienja u tletin elf, erba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€38,428.53), liema somma ghadha sal-lum dovuta lis-socjeta' estera bl-imghaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull fattura sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li minkejja li giet debitament notifikata, ebda rapprezentant tas-socjeta' intimata ma deher ghas-smiegh tal-kawza.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ Eva Handels GmbH u tikkundanna lil Joseph and John Curmi Limited thallas lil Eva Handels GmbH kif rapprezentata Malta mill-Avukat Julienne Portelli Demajo s-somma ta’ tmienja u tletin elf, erba’ mija u tminja u ghoxrin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€38,428.53), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Joseph and John Curmi Limited (C11359).

IMHALLEF

DEP/REG